MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 286/2011

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li ghadha minorrenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Gertrud B mis-sittax (16) ta’ Dicembru ta’ l-elfejn u tmienja (2008) (Ara Dok B anness) pero’ kienu ilhom mifrudin minn qabel din id-data u diga’ kienu gew institwiti proceduri legali ta’ medjazzjoni fis-sena 2007 (ara Dok D anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi r-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas lill-mara l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri K, liema manteniment ghandu jigi rivedut kull sena abbazi tal-awment fl-indici tal-infazzjoni (Ara Dok B, klawsola 9) u huwa qatt ma kien inadempjenti (Ara Dokument C);

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B, klawsola 11) il-partijiet irrinunzjaw b'mod definittiv u irrevokabbli ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

Ili dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2011;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat il-provi kollha illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u peress illi huwa ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 2008;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali il-partijiet irrinunzjaw b'mod definittiv u irrevokabbli ghad-dritt taghhom illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin u ir-rikorrenti ipprova illi huwa regolari fil-hlas tal-manteniment dovut ghal bintu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------